MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Dicembru, 2003

Numru 782/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**
**V**

**KAHLED AHMED ABUJNAH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KAHLED AHMED ABUJNAH** ta' wiehed u tlieta w ghoxrin sena bin Ahmed u Mehdija, imwieled Tripoli nhar t-tnejn ta' Jannar 1980 u joqghod 'Joanna Mary Flats', Flat 4, Triq l-Imdina, Naxxar, detentur ta' passaport numru 222711 mahrug fi Tripoli gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sebgha ta' Dicembru 2003 u s-sitt xhur ta' qabel gewwa n-Naxxar u bnadi ohra f'Malta f'hinjiiet differenti kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-rasa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmienja ta' Dicembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti qiset wkoll l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi hija wahda ta' prigunerija sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-altikoli tal-ligi fuq citati u cioe l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 u l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat KAHLED AHMED ABUJNAH hati tal-akkuza kif dedotta**

**kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument numru 135 esibit fl-atti mill-Prosekuzzjoni llum u ghal dan l-ghan tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud.**

**Ghar-rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat li ebda espert jew perit ma kien mahtur f'dawn il-proceduri u ghalhekk tichad tali talba.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------